*ART 6 TAL-KONVENZJONI EWROPEA*

*ART 39 TAL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA*

*DEWMIEN*

*ART 195(5) TAL-KAP 12 TAL-LIGIJIET TA' MALTA*

*PROVISO TAL-ARTIKOLU 46(2) TAL-KOSTITUZZJONI U 4(2) TAL-KONVENZJONI*

*RIMEDJU PEKUNJARJU*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**- SEDE KOSTITUZZJONALI -**

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' April 2017**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 85/2015/LSO**

**Philip Grech ID352128M f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' l-assenti Frank Grech, Josephine Diacono ID127424, u b'digriet tal-4 ta' April 2017**

**l-atti gew trasfuzi f'isem Moira Portelli (ID197951M) *stante* l-mewt ta' Josephine Diacono fil-mori tal-kawza, Maria Amabilis *sive* May Mifsud ID579161M, Angela Hili ID353258M, Maryanne Gera ID558056M**

**vs**

**L-Avukat Generali u Lawrence Cefai (ID1016348M) in rapprezentanza tal-Kazin Laburista Santa Venera u b' digriet tal-4 ta' Frar 2016 Christopher Grech (8560M), Vanessa Rapa Grech (511866M), Nicholas Grech (216165M), Dr Mark Grech (0495566M), Dr Kenneth Grech (0047667M), Philip Grech (0315863M) u Sandra Antiohos (0840457M) gew ammessi *in statu et terminis* u b'digriet tal-14 ta' Lulju 2016 gie kjamat in kawza il-Partit Laburista**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Philip Grech datat 24 ta’ Novembru 2015 fejn espona: -

Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond numru 362 Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera. Illi dan hu rikors ta’ natura ta’ dritt fundamentali li jirrigwarda d-dewmien sabiex tinghata sentenza f’ kawza dwar l-istess proprjeta`.

Illi b'ordni ta' rekwizizzjoni numru RO23691 mahrug taht l-Artikolu 3 tal-Kap 125 is-Segretarju tad-Djar, id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali, kien hareg ordni ta' rekwizizzjoni kontra l-esponenti fuq dan il-fond u sussegwentement kien alloka l-fond lill-intimat biex jintuza bhala kazin politiku.

Illi l-intimat ikkawza hsarat konsiderevoli fil-fond billi naqas li jiehu hsiebu bhala *bonus paterfamilias* u jaghmel dawk ir-riparazzjonijiet ordinarji li huwa responsabbli taghhom skont il-ligi u naqas milli jaghmel manutenzjoni regolari tal-fond.

Illi ghalhekk l-esponenti intavolaw rikors quddiem il-Bord tal-Kera fejn talbu li jigu awtorizzati ma jgeddux il-lokazzjoni favur l-intimat u li l-Bord jordna l-izgumbrament fi zmien qasir u perentorju.

Illi din il-kawza giet intavolata fil-hdax (11) ta’ Gunju 2007 u f’dak iz-zmien il-Bord kien ippresedut mill-Imhallef Giovanni Grixti li kien Magistrat.

Illi fil-hames seduta u cioe` dik tat-13 ta’ Mejju 2009 il-Bord halla r-rikors ghas-sentenza fuq eccezzjoni preliminari rigward il-kompetenza tal-Bord.

Illi kien biss wara sitt (6) differimenti u sena wara li l-Bord wasal ghad-decizjoni fuq dan il-punt preliminari li ma kenitx ta’ xi natura legali kumplessa. Illi r-raguni moghtija ghal dan id-dewmien kien illi l-Bord "jehtieglu aktar zmien biex jirredigi s-sentenza preliminari". Dan kien ir-raguni moghti ghad-dewmien f’zewg differimenti. Illi fid-dati tad-differimenti sussegwenti ma nghatat ebda raguni ghad-dewmien. Illi d-decizjoni rigward l-eccezzjoni preliminari inghatat fid-9 ta Gunju 2010 - iktar minn sena wara li r-rikors gie mholli ghas-sentenza.

Instemghu l-provi u fil-21 ta’ Gunju 2012 il-Bord halla l-kawza ghas-sentenza finali. Illi minn Gunju 2012 sad-data tal-lum ghaddew iktar minn 3 snin u ghadha ma nghatatx sentenza fis-sitt (6) differimenti li taha l-Bord ippresedut mill-Magistrat Giovanni Grixti.

Illi minn mindu l-Magistrat Grixti gie mahtur Imhallef, il-Bord li Jirregola l-Kera qed jigi presedut mill-Magistrat Monica Vella u naturalment tkun thoss il-bzonn li tiehu z-zmien mehtieg biex taqra x-xhieda u tiffamiljarizza ruhha mal-fatti tal-kaz. Illi sal-gurnata tal-lum il-kaz ghadu ma inqatax.

Illi t-trapass ta' iktar minn sena sabiex tinghata sentenza dwar eccezzjoni preliminari dwar il-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera u ta' iktar minn tliet snin sabiex tinghata sentenza finali hu - fil-fehma tal-esponenti - wiehed eccessiv u ghalhekk illeda d-dritt ghal smigh xieraq taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi d-dewmien sabiex il-kawza tigi deciza mill-Bord illeda d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` tal-esponenti kif sancit mill-artikolu 1 tal-Protokol numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant *in vista* tal-fatti u ghar-raguni fuq premessi, u ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw matul il-procedura odjerna, ir-rikorrenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fil-konfront individwali ta' kull wiehed mir-rikorrenti:

1. Tiddikjara illi t-trapass kumplessiv ta' iktar minn erba' snin biex tinghata sentenza fil-kawza Philip Grech *pro et noe* vs. Kazin Laburista Santa Venera (Rik Nru: 45/2007) ivvjola d-dritt tal-istess esponenti ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif sancit taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew mil-liema minnhom, tillikwida

dan l-ammont, u tordna li dan ir-rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Jannar 2016.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata 15 ta' Dicembru 2015 a fol 22 tal-process fejn espona :

1. Illi in succint il-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li t-tul tal-proceduri civili fil-kawza fl-ismijiet *Philip Grech pro et noe vs. Kazin Laburista Santa Venera (Rik Numru 45/2007)* allegatament jiksru d-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli protetti permezz ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u li dan id-dewmien wassal biex ivvjola d-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta' tar-rikorrent kif protett mill-Artikolu 1 tal-Protokol numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea.

2. Illi l-esponent jirrespingi dawn l-allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li, kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda agir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.

3. Illi r-rikorrenti qed jilmentaw mill-fatt li l-Bord li Jirregola l-Kera dam sena biex jaghti sentenza dwar eccezzjoni preliminari u minhabba l-fatt li din il-kawza issa ilha ghas-sentenza erba' snin u sentenza finali ghad m'hemmx.

4. Illi *in linea* preliminari jigi rilevat li r-rikorrenti qeghdin jabbuzaw mill-process kostituzzjonali *stante* illi qed tintuza procedura straordinarja bhal ma hija l-procedura odjerna meta ghandhom rimedju ordinarju li jistghu juzaw. F'dan is-sens issir referenza ghar-rimedju li taghtih il-ligi *ai termini* tal-artikolu 195(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' process eccediex il-parametri tas-smigh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti - f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skont il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropea, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura. Ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas lampanti mill-partijiet involuti li wassal ghal dewmien biex il-kawza tigi deciza u wisq inqas ma kien hemm nuqqas mill-esponent Avukat Generali galadarba lanqas biss huwa parti minn dawn il-proceduri.

6. Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba

ghaggla zejda u inkonsulta. Sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggahom fit-tgawdija tad-drittijiet taghhom skont il-Ligi.

7. Illi finalment sabiex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien irragjonevoli, kull kaz irid jigi studjat fuq il-mertu tieghu u fil-komplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li ghalkemm il-kaz qed jiehu numru ta' snin sabiex jigi deciz, m’hemm l-ebda dewmien irragjonevoli.

8. Illi *in vista* tas-suespost ma hemm l-ebda ksur ta' l-Artikoli imsemmija.

9. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ta' Lawrence Cefai I.D. card nru: 1016348(M) u Martin Pace I.D. card nru: 272665 (M) bhala President u Segretarju tal-Kazin Laburista ta' Santa Venera datata 18 ta’ Dicembru 2015 a fol 25 tal-process fejn eseponew :

Illi l-Kazin Laburista Sta. Venera mhuwiex entita' guridika u ghalhekk ir-rikors huwa irritwali u null *stante* li kellhom jitharrku r-rapprezentanti ta' l-istess Kazin.

Illi l-Kazin Laburista Santa Venera m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Huwa biss parti fil-kawza u ma kellu l-ebda setgha li jiddeciedi meta tinghata s-sentenza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost din il-kawza hija wahda frivola u vessatorja peress illi r-rikorrenti kellhom rimedji ohra ordinarji ghad-dispozizzjonijiet taghhom u specifikatament setghu ghamlu uzu mid-dispost tal-art. 195 (5) (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u setghu talbu anke bdil fil-gudikant.

Mhux hekk biss imma ir-rikorrenti huma kolpevoli huma stess ghad-dewmien fl-ghoti tas-sentenza, peress li wara li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza fit-28 t'Awwissu 2012 talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jipprezentaw l-affidavit ta' Philip Grech, haga li messa saret fil-bidu tal-kawza.

Illi barra minnhekk, bl-intavolar ta' din il-kawza ser ikomplu jtawlu l-ghoti tas-sentenza li qeghdin jilmentaw li qed ittul bla bzonn kemm-il darba l-Bord li Jirregola l-Kera joqghod jistenna l-ezitu ta' din il-kawza.

Illi mhux minnu li l-intimati ghamlu hsara konsiderevoli fil-fond *de quo*. Din l-allegazzjoni giet michuda mill-Qorti ta' l-Appell Cit.Nru: 392/93DS deciza fl-10 t'Ottubru 2003 fl-ismijiet Dr Alfred Grech et vs Joseph Muscat et.

Illi dan ma kienx bizzejjed u biex ir-rikorrenti ikomplu jivvessaw lill-intimati regghu fethu kawza ohra billi qalu li saru hsarat ohra haga li mhix minnha kif gie trattat u anke ippruvat b'ritratti quddiem l-istess Bord Li Jirregola l-Kera.

Illi skont kif jghidu l-istess rikorrenti il-kaz **m'ilux** li ghadda ghand il-Magistrat Dr. Monica Vella u kif jghidu huma stess ma jistennewx li din il-Magistrat ma tiehux iz-zmien taghha biex tkun tista' tirredigi sentenza, ta' kaz li ma semghatux hi. .

Illi r-rikorrenti ilhom is-snin jaraw ma x'hiex iqabbdu biex idejjqu lill-intimati. Dan ghamluh billi fethu diversi kawzi li kollha tilfuhom kif jigi spjegat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat il-verbali kollha tas-seduti tal-Hamis, 4 ta' Frar 2016 (fol 32) fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Claire Bonello. Deher Dr Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali. Deher Martin Pace bhala rapprezentant tal-Kazin Laburista ta' Santa Venera. Deher Dr Paul Borg Olivier li nforma lil Qorti li pprezenta rikors fejn talab l-intervent *in statu et terminis* ghan-nom tal-patrocinati tieghu u kopja tal-istess rikors gie mghoddi lid-difensuri prezenti li ma sabux oggezzjoni. Il-Qorti laqghet it-talba kif

dedotta u ordnat li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-atti. Dr Borg Olivier inghata ghoxrin (20) gurnata minn dan id-digriet biex jirrispondi. Il-Qorti innotat li kopja tal-atti gew esebiti fil-mori. Dr Bonello talbet korrezzjoni fl-okkju billi wara l-kliem: "L-Avukat Generali u" jizdiedu l-kliem "Lawrence Cefai (ID1016348M) u Martin Pace (ID272665M) bhala President u Segretarju rispettivament in rapprezentanza tal-Kazin Laburista ta' Santa Venera". Dr Cordina rrimetta ruhu. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjonijiet kull fejn hu mehtieg. Ir-rikorrent ried jinnotifika lil intimati Lawrence Cefai u Martin Pace bir-rikors kif korrett. Ried jsir ukoll il-legitimazzjoni tal-atti ta' Josephine Diacono sad-differiment li jmiss. Ir-rikors gie differit ghar-risposta tal-intervenuti, ghal-legittimazzjoni tal-atti, u sabiex tigi trattata l-ewwel eccezzjoni tal-Kazin Laburista ghat-3 ta’ Marzu 2016 fil-11:40a.m.

Rat ir-risposta tal-intervenuti fil-kawza Christopher Grech (8560M), Vanessa Rapa Grech (511866M), Nicholas Grech (216165M), Dr Mark Grech (0495566M), Dr Kenneth Grech (0047667M), Philip Grech (0315863M) u Sandra Antiohos (0840457M) datata 22 ta’ Frar 2016 a fol 34 tal-process fejn esponew :-

Illi preliminarjament, ir-rikorrenti f’din il-kawza ghandhom jaraw li jigi kkjamat fil-kawza l-Partit Laburista *stante* li paragrafu 7 tal-Kap XXI tal-Istatut tal-Partit Laburista (2010) jistipula b'mod car li *"Il-Partit Laburista huwa persuna guridika wahda u l-Kumitati Lokali, Distrettwali tar-Regjun u l-Ferghat huma parti integrali minn din il-persuna*

*guridika u ghandha topera skont dan l-Istatut."* U ghalhekk sabiex il-gudizzju ikun integru, mehtiega wkoll ir-rapprezentanza guridika tal-Partit Laburista kif vestita skont paragrafu 4 tal-istess Kap XXI.

Illi fil-mertu l-esponenti jikkonfermaw il-fatti kif esposti mir-rikorrent fir-rikors promotur u jtennu bir-rispett li d-dewmien tat-Tribunal jinkwadra fi vjolazzjoni tad-dritt fondamentali taghhom ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi *di piu'*, l-Avukat Generali jirriferi ghal dak kontemplat fl-Artikolu 195(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu ma ghandux jillimita d-dritt tal-esponenti u tar-rikorrenti mill-azzjoni odjerna u dan ghaliex il-mertu tal-kawza huwa dewmien esagerat li jilledi fuq l-istess dritt fondamentali taghhom.

Illi bir-rispett kollu, l-artikolu 195 (5) huwa rimedju limitat u mhux ezawrjenti fih innifsu ghaliex ma jaghtix finalita' ghad-dewmien, izda biss jisposta d-dewmien li jkun **gia gie subit** a pregudizzju ta' xi parti.

lllí l-Artikolu 195 (5) tal-Kap 12 jista' jkun ukoll f'kunflitt mal-Artikolu 11 u 29 tal-istess Kap12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi inoltre dan, l-Avukat Generali, flimkien ma' ohrajn, bhala membru fil-Bord tar-Regoli kif imwaqqaf b'Artikolu 29 tal-Kap 12, ghandu wkoll ir-responsabbilita' li jassigura

amministrazzjoni tal-gustizzja xierqa u ghalhekk irid igib il-prova tal-inizjattivi tieghu biex jassigura lil din il-Qorti regoli, mizuri u azzjonijiet effettivi li assiguraw amministrazzjoni tal-gustizzja xierqa fil-kaz odjern.

*In vista* tas-suespost u ta' dak li qed jigi mressaq fir-rikors promotur, din il-Qorti ghandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ssib ksur tad-dritt fondamentali taghhom ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u taghti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 3 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehret Dr Claire Bonello ghar-rikorrent prezenti. Dehru Dr Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali, Dr Reno Borg ghall-intimat il-Kazin Laburista ta' Santa Venera, rapprezentat minn Martin Pace u Lawrence Cefai fl-Awla. Deher ukoll Dr Paul Borg Olivier ghall-intervenuti fil-kawza rapprezentati minn Kenneth Grech fl-Awla. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet tat-tieni eccezzjoni ssollevata mill-Kazin Laburista, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal decizjoni fuq it-tieni eccezzjoni ssollevata mill-Kazin Laburista ghas-7 ta' April 2016 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' April 2016 (fol 40) fejn meta ssejhet ir-rikors deher ir-rikorrent. Dehru wkoll Dr Paul Borg Olivier ghall-intervenut fil-kawza. Dr Maurizio

Cordina ghall-Avukat Generali u Dr Reno Borg ghall-intimat. Inqrat sentenza *in parte*. Ir-rikors gie differit sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom fuq is-sentenza *in parte* li giet moghtija, ghat-3 ta' Mejju 2016.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Claire Bonello ghar-rikorrent u Dr Pawlu Borg Olivier ghall-intervenut fil-kawza. Dehru Dr Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali u Dr Andre` Borg ghall-Kazin intimat rapprezentat minn Martin Pace fl-Awla. Il-Qorti rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2016. Id-difensuri prezenti (tal-intimati) ma opponux ghat-talba. Il-Qorti ghaldaqstant laqghet it-talba u ordnat il-kjamat in kawza tal-Partit Laburista li jkollhom ghoxrin (20) jum ghar-risposta taghhom. Dr Borg Olivier ghall-intervenuti fil-kawza harrek lil Avukat Generali sabiex jixhed dwar il-hidma b'mod generali tal-Bord tar-Regoli tal-Qorti li fih huwa membru tieghu, skont Art 29 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u li din ix-xhieda hija fl-opinjoni tal-istess rilevanti sabiex il-parti tkun tista' tara x'azzjoni ha dan il-Bord ghal ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja fil-kawza pendenti quddiem il-Magistrat sedenti fil-Bord li Jirregla l-Kera, u dan *in vista* tad-dewmien relatat ma' din il-kawza u *in vista* ta' azzjonijiet ohra li l-Prim Imhallef u/jew dan il-Bord ha fil-konfront ta' gudikanti ohrajn f'kazijiet ohra. Dr Claire Bonello irrimettiet ruhha. Dr Cordina ghall-Avukat Generali irrileva li r-rwol tal-Avukat Generali fil-kawza quddiem il-Bord huwa wiehed irrilevanti u dan ghaliex lanqas biss kien parti fil-kawza. Dr Borg irrimetta ruhu. INGHATA DIGRIET:

“Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur kif ifformulat. Rat li din il-kawza hija pernjata fuq dewmien allegtament irragjonevoli fil-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, u li fic-cirkostanzi l-prova mitluba fir-rigward tar-Rule Making Bord mhix rilevanti ghat-talbiet kif ifformulati. Il-Qorti ghaldaqstant tichad it-talba ghal dan ix-xhud.”

Xehdet bil-gurament taghha Dr Deborah Farrugia, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghar-risposta tal-kjamat in kawza u sabiex ir-rikorrenti jiddikjaraw xi provi fadlilhom ghas-6 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Partit Laburista datata 5 ta’ Dicembru 2016 a fol 63.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukat Generali datata 17 ta’ Jannar 2017 a fol 67 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 24 ta' Jannar 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Claire Bonello u Dr Paul Borg Olivier ghall-intervenuti fil-kawza. Deher Dr Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali. Deher Martin Pace ghall-Kazin Laburista ta' Santa Venera, assistit minn Dr Andre' Borg. Deher Dr Robert Abela ghall-Partit Laburista. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri prezenti, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema

eletronika. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2017 fid-9:30a.m.

Rat id-digriet tal-24 ta' Frar 2017 fejn giet sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex jigu kompletati l-proceduri ta' legittimazzjoni tal-atti.

Rat il-verbal tat-28 ta' Frar 2017 u tal-4 ta' April 2017 fejn dehru Dr Claire Bonello ghar-rikorrent prezenti u Dr Andre` Borg ghall-Kazin Laburista rapprezentat minn Lorry Cefai fl-Awla. Il-Qorti rat ir-rikors tat-30 ta' Marzu 2017, u laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzzjoni tal-atti ta' Josephine Diacono f'isem Moira Portelli. L-intimati l-ohra u d-difensuri taghhom imsejha tliet darbiet ma dehrux. Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghall-25 ta' April 2107 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti qed jitolbu harsien u rimedju pekunjarju *stante* allegat ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom kif sanciti bl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, ('il quddiem imsejjah 'Il-Kostituzzjoni') u l**-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta)** ('l - quddiem imsejha 'Il-Konvenzjoni') minhabba f'dewmien fl-ghotja ta' sentenza preliminari u fl-ghotja tad-decizjoni finali fil-proceduri istitwiti quddiem il-

Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet "*Philip Grech pro et noe v Kazin Laburista Santa Venera*" (Rik.45/2007).

Illi l-**Avukat Generali** laqa' ghat-talbiet (Risposta a fol 22) billi ssolleva eccezzjonijiet preliminari kif ukoll sostantivi fil-mertu. In linea preliminari eccepixxa li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju ghad-disposizzjoni taghhom fit-termini tal-**artikolu 195(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.** Inoltre oppona ghat-talbiet fil-mertu bhala infondati, kif jigi trattat iktar ‘il quddiem f'din is-sentenza.

Illi l-**Kazin Laburista** eccepixxa (Risposta a fol 25) li r-rikors odern huwa wiehed frivolu u/jew vessatorju billi r-rikorrenti kellhom r-rimedju ordinarju provdut fit-termini tal-**artikolu 195(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Inoltre fil-mertu eccipew li r-rikorrenti kienu kolpevoli ghad-dewmien billi wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza fit-28 ta' Awwissu 2012 talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex jippresentaw l-affidavit ta' Philip Grech meta misshom esibew dan l-affidavit fil-bidu tal-proceduri;

Inoltre billi pprezentaw din il-kawza komplew itawlu il-proceduri.

Illi r-rikorrenti stess ikkoncedew li l-Magistrat Dr Monica Vella m'ilhiex li hadet il-kaz f'idejha.

**L-intervenuti fil-kawza** wiegbu (Risposta a fol 34) billi talbu l-kjamat in kawza tal-Partit Laburista ghar-ragunijiet

hemm spjegati, u esprimew l-adezjoni mat-talbiet tar-rikorrenti. Wiegbu li r-rimedju suggerit mill-Avukat Generali mhuwiex wiehed ezawrjenti fil-kaz odjern billi ma jaghtix finalita' ghad-dewmien li jkun gja gie subit. Inolte l-artikolu 195(5) tal-Kap 12 huwa f'kunflitt mal-artikolu 11 u 29 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Partit Laburista eccepixxa** (fol 60) li mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. Inoltre r-rimedju kkontemplat bl-artikolu 195(5) tal-Kap 12 huwa rimedju ordinarju disponibbli ghar-rikorrenti.

**Fatti rilevanti**

Illi r-rikorrenti huma sidien tal-fond 362 Triq il-Kbira San Guzepp Santa Venera li kien gie rekwizizzjonat bl-Ordni numru RO 23691 mahrug skont l-artikolu 3 tal-Kap 125.

Illi fil-**11 ta' Gunju 2007** ir-rikorrenti istitwew proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet *Philip Grech pro et noe et v Kazin Laburista Santa Venera* (Rik 45/2007GG) sabiex jigu awtorizzati ma jgeddux il-kirja minhabba hsarat fil-fond u konsegwentement talbu l-izgumbrament tal-Kazin mill-fond minhabba r-ragunijiet hemm dedotti.

L-intimat f'dawk il-proceduri issolleva l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* u l-kaz gie differit ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni preliminari fit-**13 ta' Mejju 2009**. Kien hemm hames differimenti ohra sakemm

inghatat is-sentenza preliminari fid-**9 ta' Gunju 2010**, iktar minn sena wara.

Sussegwentement il-Bord innominat lill-Periti biex jaghmlu rapport u sar access fit-23 ta' Mejju 2011.

Il-provi kollha gew maghlqua fil-**21 ta' Gunju 2012** u l-kaz gie differit ghas-sentenza ghall-**31 ta' Jannar 2013.**

Illi r-rikorrenti talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza b'rikors tat-18 ta' Lulju 2012 sabiex jithallew jipprezentaw affidavit ta' Philip Grech, liema talba giet michuda u rega' intavola rikors fit-28 ta' Awwissu 2012 u t-talba giet michuda definittivament **fl-14 ta' Settembru 2012.**

Illi kien hemm hames differimenti ohra mill-31 ta' Jannar 2013 sat-19 ta' Ottubru 2015 ghar-raguni li l-Bord kien jehtieglu aktar zmien.

Fil-mori l-Magistrat Giovanni Grixti gie elevat ghall-bank tal-gudikatura u l-Bord beda jigi presjedut mill-Magistrat Monica Vella u fis-seduta tad-**19 ta' Ottubru 2015** ir-rikorrenti, tramite d-difensur taghhom, talbu li jaghmlu s-sottomissjonijiet bil-miktub billi s-sottomissjonijiet quddiem il-Bord kif diversament presjedut kienu saru bil-fomm.

Il-kaz gie deciz mill-Bord fis-17 ta' Novembru 2016 u jirrizulta li hemm appell pendenti quddiem l-On. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

**Eccezzjonijiet gja decizi**

Illi f'dan l-istadju preliminari jigi senjalat li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Kazin Laburista giet sorvolata b'korrezzjoni ordnata fl-okkju tar-rikors promotur fl-4 ta' Frar 2016 (fol 32) filwaqt li t-tieni eccezzjoni giet michuda b' sentenza in parte tas-7 ta' April 2016(fol 41).

Inoltre b'Digriet taghha moghtija fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2016(fol 53) il-Qorti qieset li l-prova mitluba dwar il-hidma tal-Bord tar-Regoli tal-Qorti mhix rilevanti ghat-talbiet odjerni u ghalhekk tqies li l-punt sollevat mill-intervenuti fir-risposta taghhom f'dan ir-rigward huwa michud.

**Provi Prodotti**

Ir-rikorrent **Philip Grech** xehed permezz ta' *affidavit* (fol 45) fejn ikkonferma li wara l-hrug ta' ordni ta' rekwizizzjoni fuq il-fond in mertu, id-Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali kien alloka l-fond lill-Kazin Laburista ta' Santa Venera sabiex il-fond jintuza bhala kazin politiku. Is-sidien ipprezentaw proceduri fil-Bord li Jirregola l-Kera peress li qiesu li dawn ikkagunaw hsarat konsiderevoli fil-fond u b'hekk naqqsu mill-obbligazzjoni taghhom li jiehdu hsieb il-fond bhala *bonus paterfamilias.*

Qal li l-Bord kellu bzonn sitt differimenti biex jaghti sentenza fuq eccezzjoni preliminari li ma kenitx ta' natura legali komplessa u dan billi l-Bord kien "*jehtieglu aktar*

*zmien biex jirredigi s-sentenza preliminari"* kif ivverbalizzat f'zewg differimenti minnhom. Fil-verbali sussegwenti ma inghata l-ebda ragun ghad-differiment.

Mit-21 ta' Gunju 2012 sakemm giet intavolata l-kawza odjerna kienet ghadha differita ghas-sentenza finali.

Qal li hu anzjan kif inhuma hutu li whud minnhom mietu fil-mori tal-proceduri. Tela' ghal kull differiment ta' xejn u dan kollu kien kawza ta' stress u inkonvenjent ghalih. Qal li gew imcahhda mhux biss mid-dritt ghad-decizjoni fi zmien ragjonevoli imma anke mit-tgawdija tal-proprjeta' taghhom.

Xehdet **Dr Deborah Farrugia**[1] **Segretarja tal-Kumissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja** li qalet li l-Kummissjoni qatt ma rcieva rapport dwar talbiet li saru taht l-artikolu 195(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ser tghaddi biex tindirizza l-eccezzjonijiet preliminari pendenti.

**Il-Partit Laburista mhuwiex il-Legittimu Kontradittur.**

Il-Partit Laburista eccepixxa li mhuwiex parti fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Kera u ma jista' qatt iwiegeb ghal-lanjanzi li jista' jkollhom ir-rikorrenti fil-kawza odjerna.

Ikkonsidrat li kienu l-intervenuti f'din il-kawza li talbu l-kjamat in kawza tal-Partit Laburista b'riferenza ghall-Istatut

[1] Fol 55 *et sequitur*.

tal-Partit Laburista li jistipula li l-kumitati u ferghet distrettwali huma parti integrali mill-persuna guridika li topera skont dak l-istatut. Infatti s-sejha saret ghall-iskop tal-integrita' tal-gudizzju.

Illi madanakollu din il-Qorti taqbel mal-Partit Laburista fuq dan il-punt. Il-Kazin Laburista ta' Santa Venera jikri l-fond u l-gudizzju pendenti quddiem il-Bord tal-Kera huwa biss bejn ir-rikorrenti u l-Kazin Laburista ta' Santa Venera.

Kif gie ribadit fil-kaz fl-ismijiet **Joseph Abela v. Onor. Prim' Ministru et**[2] li :

*"F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontraditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*

Illi huwa minnu li kif gie affermat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Partit Nazzjonalista et v Kummissjoni Elettorali**

[2] Kost. 7 ta' Diċembru 1990.

**et.** (29 ta' Mejju 2015): "*Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqiesu illi jeskludu kategoriji oħra,*" madanakollu ma ntweriex kif il-Partit Laburista jista' b'xi mod ikollu interess fit-talbiet u fir-rimedju li jista' jinghata fil-kawza odjerna hekk kif inhi imsejsa fuq dewmien fi proceduri gudizzjarji li fihom ma kienx parti.

Ghaldaqstant tilqa' t-talba u tordna l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tal-Partit Laburista.

**Rimedji Ordinarji**

Illi din l-eccezzjoni giet sollevata mill-Avukat Generali[3], mill-Kazin Laburista[4] u mill-Partit Laburista.[5]

Illi b'din l-eccezzjoni l-intimat qed jistieden lil din il-Qorti biex tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha a **tenur tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 u tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

Illi din l-eccezzjoni tesprimi s-salvagwardja procedurali li qabel ma wiehed jintavola kawza kostituzzjonali ghandu jezawrixxi kull rimedju civili possibbli u intiz biex jirregolarizza l-azzjonijiet in mertu li jhalli r-rimedju kostituzzjonali ghal dawk il-kawzi verament meritevoli ta' din il-procedura specjali.

---

[3] Ir-raba' (4) eccezzjoni .
[4] it-tielet (3) eccezzjoni.
[5] It-tielet (3) eccezzjoni.

Illi kif gie ribadit fil-kaz "**Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**" (Q.K. – 5 ta' April 1991) jidher car li l-legislatur Malti ma riedx li jistabbilixxi bhala principju assolut fil-ligi Kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, ghandha dejjem u tassattivament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taht il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha hafna dwar l-ezercizzju *o meno* tal-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha. Ovvjament, tali diskrezzjoni ghandha tintuza gustament u ragonevolment.

Illi l-principji applikabbli gew affermati mill-Qorti Kostituzzjonali **Ryan Briffa vs Avukat Generali** deciza fl-20 ta' Marzu 2014:

"*Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrent ghandux jew kellux ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju ordinarju alternattiv u effettiv gew delineati minn din il-Qorti f'diversi sentenzi taghha u l-insenjament tal-qrati taghna gie migbur b'mod komprensiv fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet* ***Olena Tetyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs*** *(ara wkoll fost ohrajn* ***Vincent Spiteri vs Onor Prim Ministru et****, QK 31/08/1977;* ***Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister noe,*** *7/3/1994;* ***Mouwafak*** **Toutoungi et vs Kummissarju tal-Pulizija et**, 25/11/2011; **Stacey Spiteri et vs Direttur tar- Registru Pubbliku** 27/04/2012; u sentenzi ohra hemm citati)."

*"Fost il-principji applikabbli hemm is-segwenti:-*

*"1. L-eżistenza tar-rimedju l-ieħor għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali u objettiv;*

*2. Ir-rimedju jrid ikun aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;*

*3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx għalfejn li jintwera li r-rimedju se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi;*

*4. Id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex min-naha waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaċċjati b'kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jfittxu rimedji oħrajn effettivi, u min-naħa l-oħra sabiex persuna ma tkunx imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;*

*5. In-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeċiedi li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent;*

*6. Iżda meta jidher ċar li jeżistu meżżi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali.*[6]*"*

Illi hija l-parti li qed tallega li ma gewx ezawriti r-rimedji ordinarji li jistghu jkunu disponibbli li ghandha l-oneru li tissodisfa lill-qorti li r-rimedju indirizzat kien wiehed effettiv kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika.

Ikkonsidrat li l-intimati u l-kjamat in kawza ssottomettew li r-rikorrenti kellhom ghad-disposizzjoni ir-rimedju skont **l-Artikolu 195(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jiddisponi:

*"(5) (a) Meta kawza tkun ilha pendenti quddiem qorti partikolari ghal tliet snin jew aktar, kull parti fil-kaz tista', personalment, u minghajr il-htiega li tkun rapprezentata minn xi avukat, taghmel rikors (liema rikors, madankollu, ma jkunx jifforma parti mill-atti tal-kawza) lill-Prim Imhallef fejn jintalab li, ghas-semplici raguni li l-kawza damet daqshekk, il-membru tal-gudikatura li jippresjedi f'dik il-qorti jinbidel u li l-kaz jigi assenjat lil membru iehor tal-gudikatura; id-decizjoni tal-Prim Imhallef, li tittiehed in camera, tkun finali u konkluziva; u fejn isir assenjament*

[6]Ara fost ohrajn sentenzi tal-On.Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet "***Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"*** 7/3/1994; tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet "***Olena Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***"; "***Vincent Spiteri v. Onor Prim Ministru et,***" 31/8/1977; ***"Mouwafak Toutoungi et. v Kummissarju tal-Pulizija et."*** 25/11/2011; u "***Stacey Spiteri et. v Direttur tar-Reġistru Pubbliku***" 27/4/2012, u sentenzi oħra hemm ċitati.

*bhal dan ma jkunx hemm bzonn ta' notifika dwar dak l-assenjament.*

*(b) Meta kawza tkun ilha pendenti ghas-sentenza quddiem qorti partikolari ghal tmintax-il xahar jew aktar, kull parti fil-kaz tista', personalment, u minghajr il-htiega li tkun rapprezentata minn xi avukat, taghmel rikors (liema rikors, madankollu, ma jkunx jifforma parti mill-atti tal-kawza) lill-Prim Imhallef ghal dan il-ghan, u l-Prim Imhallef jista', ghas-semplici raguni li s-sentenza damet daqshekk biex tinghata, jilqa' it-talba biex il-membru tal-gudikatura li jippresjedi f'dik il-qorti jinbidel u biex il-kaz ghas-sentenza jigi assenjat lil membru iehor tal-gudikatura; id-decizjoni tal-Prim Imhallef, li tittiehed in camera, tkun finali u konkluziva; u fejn isir assenjament bhal dan ma jkunx hemm bzonn ta' notifika dwar dak l-assenjament.*

*(c) Il-Prim Imhallef ghandu jhejji rapport annwali dwar il-kawzi li jkunu gew trasferiti skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b), fejn jigu specifikati r-ragunijiet possibbli ghal dak id-dewmien, u ghandu jibghat ir-rapport lill-Kummissjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja. Il-Kummissjoni ghandha tiehu dik l-azzjoni kif jidhrilha xieraq skont id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kummissjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, u ghandha, fi zmien tliet xhur, tippubblika dak ir-rapport."*

Illi f'dan il-kuntest il-kawza pendenti quddiem il-Bord tissoddisfa kemm is-subinciz (a) kif ukoll is-subinciz (b) tal-artikolu 195.

Ikkonsidrat li minnkejja li huwa maghruf li hemm kawzi li ilhom pendenti ghaz-zmien imfisser fis-subartikli 195(a) u (b) imsemmija, Dr Deborah Farrugia[7] ghall-Kummissjoni xehdet li l-Kummissjoni qatt ma rceviet xi rapport kif mahsub fis-subartikolu 195(c) tal-Kap 12.

Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti dan ir-rimedju ma jista' qatt jezonera lill-Istat mill-obbligazzjonijiet imposti permezz tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u certament ma joffrix rimedju ghad-dewmien rragjonevoli li gja sehh.

Inoltre jista' fih innifsu jservi biex itawwal il-proceduri billi t-tibdil fil-gudikant jista' iservi biex ikompli jtawwal il-proceduri sakemm il-gudikant sostitut jiehu konjizzjoni tal-atti, anke permezz ta' smigh mill-gdid ta' xhieda u tat-trattazzjoni orali finali.

Illi imbaghad, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz huwa maghruf li l-Bord li Jirregola l-Kera huwa presjedut mill-istess Magistrat ghall-konsistenza fis-sentenzi. Fil-kaz odjern il-Magistrat Giovanni Grixti gie elevat ghall-gudikatura wara li l-kaz thalla ghas-sentenza u l-istess rikorrenti jirrikonoxxu li l-Magistrat Monica Vella, li giet allokata dik il-kompetenza, kellha tiehu xi zmien biex tiffamiljarizza ruhha mal-fatti tal-kaz.

---

[7] Xhieda a fol 55, 56.

Ikkonsidrat li fil-kaz odjern, r-rikors intavolat fis-sena 2007 kien baqa' pendenti ghas-sentenza mill-21 ta' Gunju 2012 sakemm giet intavolata din il-kawza fl-24 ta' Novembru 2015 - ben tliet snin.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **John A Said pro et noe v l-Avukat Generali** (11 ta' Novembru 2011).

*"12. Fit-tieni lok jigi rilevat li l-Artikolu 195(5) gie introdott fis-sena 2007 meta din il-kawza kienet ilha tigi differita ghas-sentenza. Fil-ligi ma hemm ebda obbligu fuq parti li tipprezenta rikors simili ghal dak imsemmi fl-artikolu citat izda jibqa' dejjem l-obbligu tal-qorti li tmexxi l-proceduri bil-heffa.*

*13. Mandakollu, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mill-Avukat Generali fl-aggravji tieghu billi r-rimedju li qed jirreferi ghalih l-Avukat Generali ma jistax jigi kkunsidrat bhala xi rimedju effikaci, imma ghall-kuntrarju huwa rimedju li x'aktarx iwassal ghal aktar dewmien, li wiehed jirrikorri ghalih bhala l-ahhar mizura. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud."*

Illi ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti taqbel li r-rikorrenti ma kellhomx rimedju ordinarju effikaci biex jindirizzaw l-ilment taghhom u ghalhekk l-eccezzjoni in kwistjoni ser tigi michuda.

**Frivola u/jew Vessatorja**

Isegwi li l-eccezzjoni sollevata mill-Kazin Laburista fit-tielet eccezzjoni fis-sens li l-kawza odjerna hija wahda frivola u vessatorja ghandha wkoll tigi michuda in kwantu hija marbuta mal-allegat nuqqas tar-rikorrenti li jutilizzaw ir-rimedju ordinarju provvdut bl-artikolu 195(5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant il-Qorti ser tichad ir-raba' eccezzjoni tal-Avukat Generali, it-tielet eccezzjoni tal-Kazin Laburista u t-tielet eccezzjoni tal-Partit Laburista.**

**Smigh Xieraq - Art 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni**

L-**art.39(2) tal-Kostituzzjoni** jiddisponi li "*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**Ukoll fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi...."* (sottolinear ta' din il-Qorti.)

Illi f'dan ir-rigward l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jiktbu li *"the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'*"[8].

Dan id-dritt jirrispetta wkoll l-principju tal-effikacja (*effectiveness)*[9] billi dewmien esagerat jimmilita kontra l-access garantit ghall-gustizzja li ghandu jigi zgurat mill-Istat lil kull cittadin. Kif jghidu l-awturi **Jacobs White & Ovey:-**

"*The object of the provision of article 6(1) is to protect the individual concerned from living too long under the stress of uncertainty and, more generally to ensure that justice is administered without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility."*[10]

Ikkonsidrat li, b'mod generali, biex jigi determinat jekk is-smigh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif mitlub mill-**artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni** u mill-**artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea**, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proceduri, u b'mod partikolari japplika s-segwenti kriterji li huma tlieta:

---

[8] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164

[9] H. v. France, (1989).

[10] *The European Convention on Human Rights* - 6th ed. p.273 fejn jiccitaw mis-sentenza tal-ECHR fil-kaz :**Bottazzi v Italy** App. Nru 34884/97 - 28 Lulju 1999.

(1) in-natura u/jew komplessita' tal-kaz in kwistjoni; (2) il-kondotta tal-partijiet fil-kawza; u (3) il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita' gudizzjarja stess.[11] Ma' dawn wiehed ghandu jzid *"the importance of what was at stake for the applicant in the litigation". (*Ara ad.ez. ***Price and Lowe v. the United Kingdom,*** nos. 43185/98 and 43186/98, § 20, 29 July 2003; ***Frydlander v France*** App.Nru. 30979/96, 27 Jun 2000)[12].

Il-Qorti Kostituzzjonali, fil-kawza "**Francis Theuma vs Avukat Generali" deciza fis-27 ta' Gunju, 2003**, kompliet tamplifika hekk fuq dawn il-kriterji:

*"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigu applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi perjodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli:*

*'When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other*

[11] **Central Mediterrranean Development Corporation Limited vs Avukat Ġenerali**, deċiża fl-14 ta' Novembru 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ccitata b'approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Sydney Ellul Sullivan v Kummissarju tal-Pulizija et** - 28 ta' Jannar 2013. Ara wkoll **Konig v. Germany**, A.27 (1978) 2 EHRR 170, para. 99).

[12] Ezempji jinkludu proceduri istitwiti minn persuna marida bl-AIDS ghall-kumpens (***A and Others v Denmark*** - App.Nru.20826/92,8 Feb.1996; jew kazijiet li jinvolvu r-relazzjonijiet bejn genituri u uliedhom (***H v United Kingdom*** - App.Nru.9480/81 - 8 July 1987.

*cases however, it assess the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision as possible will have to be weighed against the demands of a careful examination and a proper conduct of the proceedings…The application of the criteria, the complexity of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the authorities, may lead to different conclusions*...". [13]

Iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b'effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali[14].

Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika.[15] Dan kollu jfisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.[16]

Illi t-talba introdotta quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kienet wahda ghall-awtorizzazzjoni sabiex is-sid ma

[13] **Van Dijk, P. u van Hoof**, G. J. H., Theory and Practice of the European Convention on Human Rights Kluwer Law (The Hague) 1998, pp. 446-449.
[14] Kost. 12.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Francis Said vs L-Avukat Ġenerali**
[15] Q.Kos. Emanuela Brincat v. L-Avukat Generali, 21/2/1996 [Vol.80]
[16] Q.Kos. Zakkarija Calleja v. L-Avukat Generali, 15/12/2015

jgeddidx il-kera tal-Kazin minhabba "*hsarat konsiderevoli*" allegatament ikkagunati mill-inkwilin bi ksur tal-obbligu li jiehu hsieb il-fond bhala *bonus paterfamilias.* Mar-rikors gew esebiti ritratti u certifikat peritali. Fir-risposta pprezentata fl-24 ta' Jannar 2008, il-Kazin issolleva n-nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* tal-Bord.

Illi l-fatti mhumiex in kontestazzjoni u jirrizulta mill-atti tal-kaz quddiem il-Bord annessi mal-atti odjerni li l-Bord halla l-kaz ghall-sentenza fuq eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' kompetenza mit-13 ta' Mejju 2009 sad-9 ta' Gunju 2010 wara ben sitt differimenti li fi tnejn minnhom biss inghatat raguni li l-Bord kien jehtieglu aktar zmien, filwaqt li fir-rimanenti ma nghatatx raguni ghad-differimenti.

Inoltre l-kaz thalla ghas-sentenza finali fil-21 ta' Gunju 2012 izda kienet ghadha ma nghatatx sakemm gie pprezentat ir-rikors odjern fl-24 ta' Novembru 2015. Kien hemm seba’ (7) differimenti fil-perjodu intervenjenti, l-ahhar wahda dovuta ghall-fatt li l-Magistrat Monica Vella bdiet tippressjedi fuq il-Bord u r-rikorrenti stess talbu biex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub peress li kienu saru oralment quddiem il-Magistrat Grixti. Sa dakinhar il-kawza kienet ilha differita ghas-sentenza ghall-iktar minn tlett (3) snin.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kumplessita' tal-kaz kemm ghal dak li jirrigwarda s-sentenza preliminari, kif ukoll is-sentenza finali, din il-Qorti tqies li l-kaz ma kienx tali biex jiggustifika sitt differimenti fuq medda ta' ben 13-il xahar

ghas-sentenza preliminari. Il-Bord huwa spiss rinfaccjat b'eccezzjoni simili *stante* l-kompetenza specjali tieghu u l-kaz in disamina ma pprezentax xi cirkostanzi li kien jirrikjedi xi studju partikolari.

Illi inoltre l-mertu tal-kaz kien dwar hsarat ikkagunati mill-inkwilin li fl-ewwel lok huwa fatt li jigi kkonstatat minn perizja teknika. Il-membri teknici tal-Bord zammew zewg accessi u ghamlu l-kostatazzjonijiet taghhom minghajr dewmien. Kien fadal biss l-imputazzjoni *o meno* ta' responsabbilita' fuq l-inkwilin. Mill-ezami tal-atti ma jirrisultax li l-kaz ipprezenta xi fatturi kumplessi jew punti legali godda.

Illi ghalhekk issib li id-dewmien komplessiv ta' aktar minn erba' snin li kien irragjonevoli u lesiv tad-drittijiet tar-rikorrenti.

Illi l-intimat kif ukoll il-kjamat in kawza issottomettew li r-rikorrenti ikkontribwixxew ghad-dewmien billi talbu huma stess is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex jipprezentaw affidavit li messhom ipprezentaw fil-bidu tal-proceduri. Huwa fatt li fil-mori tal-ewwel differiment ghall-ghotja tas-sentenza, fit-28 ta' Awwissu 2012, Philip Grech ghamel din it-talba, li, izda giet michuda fl-14 ta' Settembru 2012, ben 3 xhur qabel ma kellha tigi pronunzjata s-sentenza. B'hekk ma ssibx li b'din it-talba r-rikorrenti kkontribwew ghad-dewmien billi anke tliet xhur kien intervall ragjonevoli bizzejjed ghar-redazzjoni tas-sentenza f'dan il-kaz.

Illi lanqas hu ssuggerit li kien hemm xi interventi ohra mill-partijiet li setghu iwasslu ghad-dewmien fil-kaz quddiem il-Bord.

Illi l-Qorti tifhem li magistrat wahdu jista' ma jlehhaqx man-numri ta' kawzi introdotti quddiem il-Bord kull sena u kif irrkonoxxiet il-Qorti Ewropea : *'It is for contracting states to organize their legal systems in such a way that their Courts can guarantee the right to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time".* [17]

Illi hu pacifiku wkoll li d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli jimponi fuq l-Istat li jħares id-dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. (ara partikolarment **Kudla v Poland**[18]).

Illi din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-Avukat Generali li huwa rilevanti li ghalkemm seta' kien hemm dilungar f'dawk il-proceduri, dan zgur ma sarx b'mod kapriccuz jew addirittura bl-intiza li jizvantagga lil xi wahda mill-partijiet. Hawnekk hadd mhu qed jallega li d-dewmien kien dovut ghal xi skop malizjuz. Id-dewmien jekk mhux

[17] **Vocaturo vs Italy** (24/05/1991**)** u **G.H vs Austria** (3/10/2000)
[18] App.Nru. 30210/96 -26 10,2000

gustifikabbli minhabba it-tlett kriterji surriferiti, huwa fih innifsu leziv.

Lanqas tista' taccetta it-tezi tal-Avukat Generali li erba' snin ta' inerzja ghall-ghoti ta' sentenza ma jikkostitwixix dewmien esagerat partikolarment b'riferenza ghas-semplicita' tal-kaz in ezami.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubbju li l-kaz litigat mir-rikorrenti fil-fazi tal-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera ma kienx jipprospetta xi komplessita' legali jew fattwali partikolari u konsegwentement jirrizulta eccessiv u minnu nnifsu jilledi l-principju ta' smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

**Din il-konkluzjoni tapplika *multo magis* ghad-dewmien fit-totalita' tal-kaz u cioe` mid-data tal-prezentata tar-rikors fil-11 ta' Gunju 2007 sakemm giet prezentata din il-kawza fl-24 ta' Novembru 2015 - ben tmien snin u hames xhur sabiex jigi deciz finalment.**

Il-Qorti taghraf li l-kawza giet deciza fil-mori ta' dawn il-proceduri u cioe` fil-11 ta' Novembru 2016, billi minn Ottubru 2015 il-Bord beda jigi presjedut mill-Magistrat Monica Vella.

**Illi fid-dawl tal-premess issib li l-ewwel talba hija fondata fil-fatt u fid-dritt.**

**Rimedju Mitlub**

Illi r-rikorrenti qed jitolbu rimedju pekunjarju ghall-ksur subit.

Ikkonsidrat li r-rikorrent Philip Grech huwa persuna ta' eta` avvanzata u lmenta li dejjem attenda ghas-seduti izda sab ruhu rinfaccjat bil-bosta differimenti minghajr preavviz, u hafna minnhom bla raguni moghtija. Dan kollu kien kagun ta' anzjeta' u inkonvenjent ghalih. Kien qed jistenna bil-hegga li tinqata' l-kawza u uhud minn hutu, wkoll anzjani, mietu fil-mori.

Ikonsidrat ukoll li ghal dak li jirrigwarda "*the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*" ir-rikorrent Philip Grech fisser fl-affidavit li kien qed jistenna li xi darba tinqata' din il-kawza. Fisser li d-dar in mertu hija dar kbira u kienet giet rekwizizzjonata mill-Istat u s-sidien jithallsu kera irrisorja. Ghalhekk talbu r-ripresa pussess minhabba nuqqasijiet tal-inkwilin u konsegwentement minhabba d-dewmien, kien qed jigi mcahhad mit-tgawdija tal-proprjeta' tieghu.

Illi huwa minnu li f'kawzi ta' dan it-tip rigwardanti dewmien irragjonevoli kemm-il darba gie ritenut minn dawn il-qrati li semplici dikjarazzjoni ta' lezjoni ta' dritt fundamentali hi rimedju sufficjenti, (ara ***John Bugeja vs. Avukat Generali et, Qorti Kostituzzjonali***, datata l-***11 t'Awwissu, 2003***);

Illi pero` hawn *si tratta* ta' procedura ta' natura legalment semplici li hadet perjodu inordinat ta' zmien biex tigi

determinata liema perjodu mohli hu attribwibbli b'mod car lill-Bord involut fuq riferit.

Illi din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrenti partikolarment Philip Grech sofrew anzjeta' u incertezza minhabba dan id-dewmien.

Illi wara li qieset ic-cirkostanzi u rat il-gurisprudenza in materja, hija tal-fehma li s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) huwa gust u ekwu fic-cirkostanzi u dan bhala kumpens ghad- danni morali tenut kont il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjeta` li d-dewmien iggenera lir-rikorrenti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza, tillibera lill-Partit Laburista mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati, u tilqa' t-talbiet billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi t-trapass kumplessiv ta' iktar minn erba' snin biex tinghata sentenza fil-kawza Philip Grech *pro et noe* vs. Kazin Laburista Santa Venera (Rik Nru: 45/2007) ivvjola d-dritt tal-istess esponenti ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kif sancit taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkwantifika kumpens bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati fl-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) u tordna lill-intimat l-Avukat Generali sabiex ihallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti in solidum bejniethom.

L-ispejjez jithallsu mill-Avukat Generali ghajr ghall-ispejjez tal-Partit Laburista li jigu sopportati mill-intervenuti fil-kawza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**25 ta' April 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**25 ta' April 2017**